**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Dorianne Tabone]**
**[Spettur Melvin Zammit]**

**vs**

**Keith Testa**

**Kumpilazzjoni Numru: 613/2020**

**Illum, hdax (11) ta' Marzu, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Keith Testa detentur tal-karta tal-identità 901L** akkuzat talli fix-xahar ta' Ottubru 2020 u matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet

differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht is-sittax (16)-il sena u cioe' -Omissis- mwielda fid-29 ta' Gunju 2006 u detentrici tal-karta ta' l-identita -Omissis-;**
   **Art 204C ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta**

2. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.**
   **Art 209 ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat id-dokumenti esebiti u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju 2021 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jitlob li tinstab htija u cioè:

1. Fl-artikoli 18, 204C(1) u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 209 u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 15A(1)(2), 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju u dan wara li nqrawlu dawn l-Artikoli.

**Ikkunsidrat**

Rat l-istqarrija tal-imputat li ttiehdet bil-kawteli kollha u b'mod liberu u inkondizzjonat u permezz tal-procedura awdjo-vizwali u li tinsab a folio 25 tal-process[1] fejn l-

[1] Dok. GA1.

imputat ammetta li kellu x'jaqsam sesswalment mal-minuri -Omissis- u fejn ikkonferma li hu kien iltaqa' maghha fuq mezzi socjali u minn hemmhekk bdiet hbiberija. Ikkonferma wkoll illi dan gara xi darbtejn u sar kollox bil-kunsens tal-istess minuri izda però li kienu uzaw protezzjoni. Ikkonferma wkoll illi kien jaf li dak iz-zmien il-minuri kellha erbatax (14)-il sena. Jghid ukoll fl-istqarrija illi meta dawn kellhom x'jaqsmu kien ikun f'karozza ta' habib tieghu gol-Wied tax-Xghajra u filghaxija.

Semghet ix-xhieda permezz tal-procedura awdjo-vizwali tal-minuri **-Omissis-** fejn ikkonfermat dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu u cioè illi huma bdew bhala hbieb fejn imbaghad fit-tielet (3) xahar tal-hbiberija taghhom bdew johorgu flimkien u dan kien fis-sajf tal-2020. Tghid illi meta ommha qabditha tohrog mieghu marret taghmel rapport l-ghassa ghax hi ma ridithiex mieghu. Hija tghid illi meta kienu bdew johorgu flimkien bdew ikollhom x'jaqsmu sesswalment u dan kien isir fil-karozza fix-Xghajra. Tghid li dan gara biss darbtejn. Tikkonferma li dan kollu sar bil-kunsens taghha u minghajr ma hadd geghelha u tghid ukoll illi kien hemm xi drabi fejn kienet hi li kienet tistaqsih biex johorgu.

Xehdet omm il-minuri u cioè **-Omissis-** li tghid illi appena saret taf illi bintha u l-imputat kienu qeghdin johrogu flimkien marret taghmel rapport l-ghassa ghaliex hu kien digà jaf li ma kellux johrog maghha. Tghid illi dak iz-zmien bintha kellha erbatax (14)-il sena u l-imputat kellu tmintax (18). Tghid illi saret taf li dawn kellhom x'jaqsmu flimkien minhabba li kienet hadet il-mobajl ta' bintha u rat messaggi kompromettenti min-naha tal-imputat lil bintha u tghid illi anke bintha kienet tkompli mieghu.

Illi semghet lill-imputat **Keith Testa** fuq talba tad-difiza li allegat li l-istqarrija tal-imputat ma kinitx wahda volontarja minhabba l-fatt illi allegatament il-minuri kienet qaltlu x'kellu jghid u dan hekk ghamel. Illi però fix-xhieda tieghu u ghad-domandi mill-Qorti fuq fejn kien gideb dan ma wiegeb xejn izda kien fuggesk u hareg car li din kienet strategija difensiva ntiza sabiex tfixkel il-kors tal-proceduri u xejn aktar. Illi wisq aktar peress illi skont id-difiza l-minuri -Omissis- allegatament qalet lill-imputat li jikkonferma l-attivitajiet sesswali ta' bejniethom biex hu ma jmurx il-habs, xi haga li hija surreali!

L-imputat ikompli jhawwad fix-xhieda tieghu u f'illi jghid illi fil-Facebook u dawk l-affarijiet ma jifhimx u f'illi jghid illi -Omissis- kienet baghtitlu skritt ta' dak li kellu jghid

minn Messenger fejn dan kien qrah qabel ma mar jaghti l-istqarrija tieghu. Illi kopja ta' dan il-messagg ma setax jipprezentaha.

Illi meta regghet titla' tixhed **-Omissis-** din qatt ma kkonfermat illi kienet baghtet dan il-messagg lill-imputat u l-anqas xehdet fis-sens li hija kienet qaltlu x'ghandu jixhed izda regghet ikkonfermat illi hija kienet thobbu u ma kinitx riditu jehel xejn ghaliex dak kollox li sar kien bil-kunsens taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz *de quo* jittratta dwar allegat partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax -il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin"*

Illi jirrizulta mill-atti li fi zmien li sehh l-allegat reat il-parte civile kellha erbatax (14)-il sena u l-imputat kellu dsatax-il sena meta sehh l-allegat reat. Illi dan ifisser li bejn l-imputat u l-parte civile kien hemm differenza ta' hames (5) snin.

Illi jrid jinghad però illi ghalkemm l-imputat ma ammettiex l-akkuzi kif dedotti kontrih anzi pprova jxekkel l-andament tal-proceduri kemm jista' anke permezz ta' xhieda tieghu possibilment falza xorta wahda ma tistax iccahhdu milli jibbenifika mill-provvedimenti tas-subinciz (3) tal-Artikolu 403C li jistipula s-segwenti:

> *"(3) Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi m'hemmx dubju illi l-livell ta' maturità tat-tnejn huwa wiehed vicin hafna anke konsiderando l-fatti illi m'hemmx hafna distakk ta' età bejniethom. Illi huwa fatt mhux kontestat ukoll illi l-attività sesswali saret bil-kunsens taz-zewg partijiet u ghalhekk din il-Qorti tinsab serhana li dan il-provvediment ghandu japplika ghal kaz odjern.

Illi ulterjorment l-imputat Keith Testa qed jigi akkuzat ukoll taht l-Artikolu 209 u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> *"209.Kull min, barra mill-kazijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-Sub-titolu jew f'dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'eghmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur u multa."*

Illi l-Artikolu 209A tal-Kapitolu 9 kien gie abolit fis-sena 2021 u ghalhekk m'ghadux japplika.

Illi wiehed mill-elementi principali tar-reat taht l-Artikolu 209A huwa li l-att joffendi l-pudur jew il-morali pubblika. Illi jinghad illi ghalkemm dan il-fatt sar f'post espost ghall-pubbliku ma giex ippruvat il-fatt li effettivament offenda l-pudur jew il-morali pubblika u ghalhekk thoss li l-imputat m'ghandux jinstab hati ghal din l-akkuza.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 204C(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Keith Testa** hati tal-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Komunità taht l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sittin (60) siegha filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi u liema ordnijiet ghandhom jiffurmaw parti integrali ma' din is-sentenza.

Inoltre' l-Qorti tirrakkomanda lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga aktar a rigward il-possibilità ta' spergur mill-imputat fil-proceduri odjerni.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**